# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 825/17 TA**

**Daniel Galea (ID 1073345M) u**
**Giovanna sive Jane Galea (ID 445443M)**
**vs**

**Mario Demicoli (ID373076), Neville Demicoli (ID131879M), Michelle Demicoli (ID 453372M), Joseph Demicoli (ID413971M), Sharon Demicoli (ID111081M) u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2018 Dr. Rachel Tua ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża bħala kuratur ta' Sharon Demicoli, Ritianne Demicoli (ID407783M), Lourdes Demicoli (ID 61278M), Loreta Demicoli (ID 930650M)**
**u**
**Avukat Dr. Yanika Bugeja u Prokuratur Legali Gillian Muscat li b'digriet tal-4 ta' April 2018 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Joseph Galea u Jeffrey Galea ulied il-mejtin Saviour Galea u Paola nee Spiteri, u l-ereditá tal-mejjet Giuseppi Spiteri iben il-mejtin Carmel Spiteri u Anna nee' Casha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fil-11 ta' Settembru 2017 u maħluf fl-istess jum minn Daniel Galea li permezz tiegħu l-Atturi konjuġi Galea ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi permezz ta' digriet moghti fil-hdax (11) ta' Settembru u sebgha (2007) (Digriet Numru 496/2007), il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) iddikjarat is-successjoni ta' Crocifisso Spiteri (maghruf ukoll fl-Istati Uniti tal-Amerika bhala Curch Spiteri), guvni, iben il-mejtin Carmel u Anna nee' Casha, imwieled Birkirkara u li miet f'Detroit, Michigan, l-Istati Uniti ta' l-Amerika fis-17 ta' Lulju 1997 ta' 73 sena, miftuha ghaf-favur ta' (i) huh Giuseppi Spiteri u dan fi kwota ta' kwart (1/4 indiviz); (ii) ulied ohtu Paola Galea li huma l-attur Daniel Galea u hutu Olga mart Joe Mercieca, Charles, Joseph, Paul, Mikiel u Jeffrey, ilkoll ahwa Galea, fi kwota ta' kwart (1/4 indiviz) maqsum fi kwoti indaqs bejniethom; (iii) favur l-eredita` ta' Antonia Spieri (oht id-decujus), liema eredita` hija regolata bit-testment tal-15 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin ossia Carmelo u Anna Gauci, ahwa Demicoli, u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) kull wiehed u wahda minnhom (**Dok. A**).

2. Illi sussegwentement instab illi l-imsemmi Crocifisso Spiteri ma mietx intestat kif kien mahsub meta saret it-talba ghall-ftuh tas-successjoni *ab intestato*, izda li kien ghamel testment f'Detroit, Michigan, l-Istati Uniti fis-17 ta' Frar 1988 (**Dok B.**) fejn kien jghix illi permezz tieghu halli l-eredita` tieghu lill-atturi Daniel u Giovanna Galea *sive* Jane Galea.

3. Illi d-*decujus* Crocifisso Spiteri kien guvni u ma kellux tfal, u ghalhekk la halla dixxendenti u anqas axxendenti.

4. Illi ghalhekk l-atturi biss huma intitolati ghall-wirt ta' Crocifisso Spiteri skond it-testment fuq imsemmi, u l-persuni l-ohra msemmija fid-digriet moghti fil-11 ta' Settembru 2007 mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), jew is-successuri taghhom skond il-kaz, ma ghandhom ebda sehem mill-wirt ta' Crocifisso Spiteri.

5. Illi l-imsemmija Antonia Spiteri, permezz tat-testment taghha tal-15 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar John Gambin, halliet bhala eredi universali taghha lin-neputi taghha Carmelo Demicoli. L-imsemmi Giuseppi Spiteri huwa llum mejjet. Carmelo Demicoli miet ukoll fid-9 ta' Marzu 2010 (**Dok. C**) u l-konvenuti huma werrieta tieghu (flimkien ma' Anthony Demicoli izda dan accetta t-testment tad-decujus Crocifisso Spiteri – **Dok E**).

6. Illi fil-waqt illi uhud mill-persuni msemmija fid-digriet fuq imsemmi tal-11 ta' Settembru 2007 kienu lesti jirrikonoxxu u jaccettaw illi l-atturi biss huma l-eredi ta' Crocifisso Spiteri u anki ressqu ghal att pubbliku sabiex jirregolaw il-posizzjoni fid-dawl tat-testment fuq imsemmi (**Dok. D** u **Dok. E**), il-konvenuti rrifjutaw illi jikkoperaw mal-atturi u mhux qed jirrikonoxxu illi huma l-atturi biss li huma intitolati ghall-eredita` ta' l-imsemmi Crocifisso Spiteri.

7. Illi l-permezz ta' ittra legali u sussegwentemen anke permezz ta' l-ittra ufficcjali numru 2827/2017, il-konvenuti gew interpellati sabiex jirrikonoxxu formalment illi huma ma ghandhom ebda sehem mill-wirt ta' Crocifisso Spiteri u jaghmlu dak kollu li hemm bzonn ghal dan il-fini izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet fuq indikati dina l-Onorabbli Qorti, prevja dikjarazzjoni opportuna, m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-successjoni ta' Crocifisso Spiteri, guvni, iben il-mejtin Carmel u Anna nee` Casha, imwieled Birkirkara u li miet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fis-17 ta' Lulju 1997 hija regolata bit-testment tieghu li ghamel f'Detroit, Michigan, l-Istati Uniti fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988)(**Dok B**).

2. Tiddikjara illi l-eredita` ta' l-imsemmi Crocifisso Spiteri tispetta lin-neputi tieghu Daniel Galea u martu Giovanna *sive* Jane konjugi Galea.

3. Tiddikjara ghalhekk illi l-konvenuti ma ghandhom ebda jedd fuq l-eredita` ta' l-imsemmi Crocifisso Spiteri u thassar ghalhekk id-digriet 496/2007 tal-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fejn gie dikjarat illi l-konvenuti ghandhom sehem mill-wirt tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2827/2017, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Demicoli preżentata fl-24 ta' Mejju 2018 u maħlufa mill-konvenuta Ritienne Demicoli fid-9 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament, l-attur m'ghandux legittimazzjoni attiva biex jipprocedu bit-talbiet taghhom f'din il-kawza.

2. Illi l-konvenuti jecepixxu wkoll dwar in-nuqqas ta' titolu ta' l-atturi li semmai ghad jrid jigi ppruvat qabel il-kontinwazzjoni tal-kawza.

3. Illi in kwantu ghal konvenuta Sharon Demicoli, l-eccipjenti qeghdin jeccepixxu l-illegittimata taghha bhala konvenuta, konsegwentement ta' liema qed jigi eccepit l-eccezzjoni ta' nullita` ta' dawn l-atti gudizzjarji.

4. Illi minghajr pregudizzju l-eccepjenti qeghdin jecepixxu wkoll l-eccezzjoni dwar l-illeggitimita ta' l-atturi.

5. Illi, it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Yanika Bugeja u l-PL Gillian Muscat bħala kuraturi deputati ta' Joseph Galea , Jeffrey Galea u l-ereditá tal-mejjet Giuseppi Spiteri;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2018 fejn il-konvenuti Demicoli irtiraw l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni;

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2020 fejn ġie dikjarat li "*In vista tan-nota ta' ammissjoni tat-talbiet attriċi* [a' fol 158] *li qegħda tiġi ppreżentata kontestwalment mill-Konvenuti Mario Demicoli, Neville Demicoli, Michelle Demicoli, Joseph Demicoli, Sharon Demicoli kif rappreżentata minn Dottor Rachel Tua, Ritianne Demicoli, Lourdes Demicoli u Loreta Demicoli, u suġġett għall-kundizzjoni espressa li tingħata sentenza finali fl-atti ta' din il-kawża għaf-favur tal-atturi illi permezz tagħha jintlaqgħu t-talbiet attriċi in toto, l-atturi jobbligaw ruħhom li jbiegħu l-assi immobbli u kwalunkwe assi mobbli li jista' jkun hemm formanti parti mill-wirt tad-decujus Crocefisso Spiteri u jgħaddu (1/8) indiviż tal-prezz lilhom imħallas fuq l-att ta' trasferiment lill-konvenuti Demicoli hawn imsemmija u dana wara li jitnaqqsu t-taxxi kollha dovuti mill-vendituri fuq il-bejgħ ta' kull proprjetá kif ukoll it-taxxi u ammonti oħra dovuti fuq id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Crocefisso Spiteri u l-ispejjeż relattivi. Madankollu l-atturi jobbligaw fuħhom illi l-imsemmi bejgħ tal-proprjetá kollu ser jsir f'perjodu ta' mhux*

*aktar minn sentejn mid-data tas-sentenza finali fl-atti ta' din il-kawża għaf-favur tal-atturi jew kwalunkwe żmien ieħor li jista' jiġi maqbul mal-konvenuti familja Demicoli.*"

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu Dr. Yanika Bugeja fil-kwalita' tagħha ta' kuratur deputat ta' Joseph Galea, Jeffrey Galea u l-ereditá tal-mejjet Giuseppi Spiteri, irremettiet ruħha għall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat l-istess verbal tal-udjenza tat-22 ta' Marzu 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-azzjoni li qed tkun esperita tirrigwarda l-wirt ta' Crocefisso Spiteri li miet fis-17 ta' Lulju 1997 fl-Istat ta' Michigan, l-Amerika fejn kien jgħix (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 10).

B'rikors numru 316/2007 ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2007, l-Attur Daniel Galea stess flimkien mal-konvenuti Carmelo u Anna aħwa Demicoli talbu lil Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) tordna l-apertura tas-suċċessjoni *ab intestato* ta' Crocefisso Spiteri (a' fol 7). Dan għamluh wara

li mir-riċerki testamentarji rrisulta li l-mejjet Crucifisso Spiteri ma kien iddepożita l-ebda testment sigriet fir-reġistri tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) u lanqas ma irriżulta ebda testment ieħor fir-reġistru pubbliku ta' Malta u Għawdex (ara a' fol 11 u 12).

Permezz ta' digriet numru 496/2007 mogħti fil-11 ta' Settembru 2007, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) provdiet fuq dan ir-rikors billi laqgħatu u ddikjarat il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Crocefisso Spiteri *ab intestato* (a' fol 23). Dan sar a' favur ta' ħuh Giuseppi Spiteri, tal-ereditá ta' ħutu Paola Galea u Antonia Spiteri, kif ukoll ta' l-ulied il-mejta oħtu l-oħra Giuseppa Demicoli fi kwoti elenkati fir-rikors imsemmi.

Wara dan id-digriet, ċerta Anna Gauci, li tiġi l-kuġina tal-Attur, għaddielha l-ħsieb li tiċċekkja dwar jekk Crocefisso Spiteri għamilx xi testment l-Istati Uniti fejn kien joqgħod f'Michigan. Għal dan il-għan hija kellmet lill-Avukat Dr. Norma Vella Bardun u talbitha tagħmel riċerki testamentarji f'Michigan (ara affidavit attur para 5 u 7 a' fol 139 u 140, xhieda Anna Gauci a' fol 164, ittra mibgħuta mill-Avukat Dr. Norma Vella Bardun a' fol 141 u xhieda Dr. Norma Vella Bardun a' fol 166). Minn dawn ir-riċerki rriżulta li fis-17 ta' Frar 1998 ġewwa Detroit, Michigan, Crocifisso Spiteri kien għamel testment fejn huwa ħalla l-ereditá tiegħu lill-Atturi konjugi Galea (ara testment artikolu 3 a' fol 25).

Hekk kif l-Atturi konjuġi Galea ġew mgħarrfa b'dan minn Nutar Angele Rapa, l-Attur informa bl-istess lil ħutu (ara affidavit attur para 5 u 8 a' fol

139 u 140). Sussegwentement permezz ta' att pubbliku tat-23 ta' Awwissu 2017, l-imsemmija Anna Galea flimkien ma' ħut l-Attur ossia Olga, Paul u Michael aħwa Galea kif ukoll l-armla ta' ħuh l-ieħor Charles, rrikonoxxew lill-Atturi bħala l-uniċi eredi tad-decujus Crocifisso Spiteri hekk istitwiti bit-testment tiegħu tas-17 ta' Frar 1988. L-istess għamel ċertu Anthony Demicoli li jiġi bin il-kuġin tal-Attur (ara atti pubbliku tas-7 ta' Settembru 2017 markat bħala Dok. E a' fol 35).

Fil-11 ta' Settembru 2017, l-istess persuni appena msemmija preżentaw ukoll nota fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-atti tar-rikors imsemmi numru 316/2007 permezz ta' liema rrinunzjaw għall-effetti tad-digriet in kwistjoni tal-11 ta' Settembru 2007 numru 496/2007 "*billi rriżulta illi d-decujus Crocifisso Spiteri ma mietx intestat kif kien maħsub meta saret it-talba għall-ftuħ tas-suċċessjoni ab intestato, iżda kien għamel testment f'Detroit, Michigan, l-Istati Uniti is-17 ta' Frar 1988*" (ara nota Anna Galea a' fol 182, nota Anthony Demicoli a' fol 194 u nota ta' Olga Marie Mercieca, Carmen Galea armla ta' Charles Galea, Paul Galea u Michael Galea a' fol 222).

L-Atturi bagħtu ittra bonarja lill-konvenuti Demicoli u lil ħu l-Attur Jeffrey Galea residenti l-Awstralja, qua l-kumplament ta' dawk li, f'isimhom jew b'wirt, ġiet favurihom miftuħa s-suċċessjoni ab intestato ta' Crocifisso Spiteri bid-digriet in kwistjoni (ara para 4 u 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi a' fol 271). Huma kienu wkoll mitluba jirrinunzjaw għall-effetti ta'

dan id-digriet u jirrikonoxxu formalment it-testment ta' Crocifisso Spiteri (ara Dok DG2 u DG3 a' fol 142 u 143). Ġiet ukoll preżentata għal dan il-għan, ittra uffiċjali fil-konfront tal-konvenuti Demicoli (ara Dok 4 a' fol 148). Il-Konvenuti iżda baqgħu inadempjenti.

L-Atturi għalhekk istitwew din l-azzjoni biex jitolbu r-revoka tad-digriet 496/2007 mogħti fil-11 ta' Settembru 2007 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u sabiex ukoll jottjenu dikjarazzjoni li s-suċċessjoni ta' Crocifisso Spiteri hija regolata bit-testment tiegħu li għamel f'Detroit, Michigan, fis-17 ta' Frar 1988.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Fin-nota tagħhom, l-Atturi jissottomettu li huma mexxew b'dina l-kawża ai termini tal-Artikolu 540 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi "*id-dikjarazzjoni tal-ftuħ ta' suċċessjoni favur ta' persuna b'digriet tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, mhix ta' xkiel għal kull min ikollu jedd, li jitlob lura l-wirt jew xi sehem minnu, quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża.*" (ara a' fol 273). Iżda, kif diġa' ingħad, b'din l-azzjoni l-Atturi qed jitolbu l-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet innifsu kif mogħti mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u mhux sabiex, minkejja dan id-digriet, jingħatalhom lura l-wirt.

Id-dritt għal azzjoni sabiex jiġi revokat digriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja huwa mogħti bl-artikolu 35 tal-Kap 12 u mhux bl-artikolu 540 tal-istess Kap. L-artikolu 35 tal-Kap. 12 jiddisponi li "*Mid-digrieti tal-Qorti ta'*

*ġurisdizzjoni volontarja ma jingħatax appell; iżda, meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista' tagħmel kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-provvediment meħtieġ.*" (sottolinear tal-Qorti).

Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** tas-27 t'April 2012, permezz tal-artikolu 35 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, "*Id-digrieti tal-Qorti Ċivili ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jistgħu jiġu attakkati b'rikors ġuramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u din għandha s-setgħa tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati.*"

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-azzjoni kif prospettata mill-Atturi hija msejsa fuq l-artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta ċar mill-atti li din l-azzjoni ma ġietx opposta mill-Konvenuti kif debitament rappreżentati.

~~Il-konvenuti Demicoli fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2020 ippreżentaw nota ta' ammissjoni (a' fol 158) wara li vverbalizzaw l-obbligazzjoni tagħhom li jbiegħu lill-Konvenuti Demicoli l-assi formanti parti mill-wirt ta' Crocefisso Spiteri taħt il-kundizzjoni espressa li tingħata sentenza finali favur l-atturi (ara a `fol 158 u dikjarazzjoni fil-verbal a` fol 156 ġia ċitata supra)~~ . [1] Fil-

[1] Il-konvenuti Demicoli fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2020 ippreżentaw nota ta' ammissjoni (a' fol 158) wara li l-atturi vverbalizzaw l-obbligazzjoni tagħhom li jbiegħu l-assi formanti parti mill-wirt ta' Crocefisso Spiteri taħt il-kundizzjoni espressa li tingħata sentenza finali favur l-atturi u skond it-termini msemmija fil-verbal

waqt il-bqija tal-konvenuti kif debitament rappreżentati għoġobhom jirrimettu ruħhom għall-atti (ara verbal 22 ta' Marzu 2021).

Joħroġ mill-atti, preċiżament fl-e-mails ta' Joseph Galea a' fol 124 u 129, li l-Konvenuti Galea baqgħu inadempjenti mhux għax ma jridux jirrikonoxxu t-testment ta' Crocifisso Spiteri, iżda għax m'humiex jafdaw il-prokura mibgħuta mill-Atturi u għalhekk, skonthom, fuq parir legali mogħti lilhom, qed jirrifjutaw li jiffirmaw l-istess. In kwantu għall-ereditá tal-mejjet Giuseppe Spiteri, l-atti ma juru l-ebda indikazzjoni ta' xi oppożizzjoni għat-talba kif dedotta.

Fi kwalunkwe każ, l-ebda oppożizzjoni ma tista' tiswa biex iġġib fix-xejn il-volontá ta' Crocifisso Spiteri espressa fit-testment tiegħu tas-17 ta' Frar 1988 jekk ikun ġie sodisfaċentement pruvat mill-atturi li t-testment sar skont il-forma preskritta fil-liġi tal-post fejn ġie redatt, jiġifieri tal-Istat ta' Michigan, l-Amerika. Dan, kif tajjeb jissottomettu l-Atturi fin-nota a' fol 274, in virtù tal-liġi Maltija kif kienet viġenti fiż-żmien li fih sar it-testment, preċiżament l-artikolu 682 tal-Kap. 16, u anke fid-dawl ta' dak dispost fid-dritt internazzjonali privat permezz tal-artikolu 1 tal-*Hague Convention on the conflicts of laws relating to the form of testamentary dispositions* (għalkemm din il-konvenzjoni ma ġietx ratifikata fil-liġijiet ta' Malta).

---

tas-16 ta' Jannar 2020 (ara a' fol 158 u dikjarazzjoni fil-verbal a' fol 156 ġia ċitata supra). – korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2021.

Qabel ma ġie mħassar bl-Att XVI tal-2015, l-imsemmi artikolu 682 kien jippreskrivi li "*Testment magħmul barra minn Malta, għandu effett f'Malta, kemm-il darba jkun ġie magħmul skont il-forma li trid il-liġi tal-lok fejn ikun sar.*"

Kif ritenut minn din il-Qorti (per Imħallef Lorraine Schembri Orland) fil-kawża **Eleazar Galea et vs Dr. Simon Micallef Stafrace et** mogħtija fit-12 ta' Lulju 2018, "*dan l-artikolu* [682 tal-Kap. 12] *gie abrogat permezz tal-Att XVI tal-2015, li jimplementa fil-ligi tagħna r-Regolament 650/2012EU. Madankollu, huwa stipulat fl-istess Regolament tal-Unjoni Ewropea, li dan ir-Regolament jibda japplika mis-17 ta' Awwissu 2015. Għalhekk, fiż-żmien, li d-defunt Meshach Galea kiteb l-iskrittura esebita bħala Dok B, sigħat qabel il-mewt tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2013, japplika l-Artikolu 682 tal-Kodici Ċivili. Isegwi li bl-applikazzjoni tal-artikolu 682 huwa l-lex loci actus, li japplika għall-każ odjern - f'dan il-każ il-liġi viġenti fil-Kanada.*

*Hekk ad eżempju, ġie ritenut fil-każ Ripard v Vella (Vol.XIX.ii.520.) "Jekk il-forma ta' testment taqbel ma' kemm tgħid il-liġi, f'kemm taqsam is-sura tiegħu, jiswa kullimkien .... Il-forma tat-testment għandha tkun regolata skont il-formalitajiet preskritti mill-post fejn it-tesment isir."*

*Illi ċertament, każ bħal dan in eżami kien jirrikjedi li ssir "proof of foreign law", f'dan il-każ, tal-Liġi Kanadiża, dwar is-siwi tad-dokument bħala testment olografiku. Din il-prova tispetta lir-rikorrenti.*

*Illi jekk ma ssirx tali prova, din il-Qorti jkollha tapplika l-liġi Maltja. Difatti fil-każ Saliba vs Lawson deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, ingħad:*

*"…chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge; mancando tale prova, e da pplicare la legge locale. " (Ara wkoll dwar il proof of foreign law bħala prova ta' fatt: Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Reġistru Pubbliku deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2015; Dr. David Zahra noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar 2018; Yoke Yee Elaine Camilleri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu 2018).*"

Jirriżulta mill-atti li dan l-obbligu tal-*proof of foreign law* ġie ampjament sodisfatt mill-Atturi sal-grad rikjest mil-liġi. Joħroġ inkonfuttabli miċ-ċertifikazzjoni oriġinali u minn dak konstatat fl-affidavit ta' Alexandre M. Zucco, avukat prattikanti fl-istat ta' Michigan (a' fol 172), li t-testment ta' Crucifisso Spiteri ġie magħmul skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi tal-Istat ta' Michigan kif kienu viġenti fid-data meta dan sar, jiġifieri fis-17 ta' Frar 1998 (ara a' fol 24 u 172). L-imsemmi avukat seta' ukoll ma kienx prattikanti. Kull ma tesiġi l-liġi hu, li persuna trid tkun tipposjedi l-kompetenza li tgħid x'inhu l-istat tal-liġi barranija.

F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar dak li jiddisponi l-artikolu 563B. (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li "*Min ikollu l-kwalifiki meħtieġa minħabba f'li jaf jew minħabba l-esperjenza tiegħu jkun jista' jagħti xiehda ta' espert dwar id-dritt ta' xi stat barrani, irrispettivament minn jekk huwa qatt ipprattikax jew kellu dritt jipprattika bħala avukat, jew bħala uffiċjal ġudizzjarju jew legali f'dak l-istat*".

Ladarba t-testment in kwistjoni huwa wieħed validu bis-saħħa tal-principju *lex loci actus*, jiġifieri l-liġi tal-Istat ta' Michigan, l-istess għandu jingħata r-rikonoxximent ta' testment olografiku validu anke f'Malta. Fi kliem ieħor, għandu jikkwalifika bħala testment li jirregola l-wirt ta' Crocifisso Spiteri skont il-liġi ta' Malta. Isegwi li l-Konvenuti ma jistgħux iċaħdu lill-Atturi mid-dritt li jgawdu l-ereditá ta' Crocifisso Spiteri kif imħollija lilhom bit-testment imsemmi mingħajr preġudizzju għal dak maqbul bejn l-Atturi u l-konvenuti Demicoli fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u tiddikjara illi s-suċċessjoni ta' Crocifisso Spiteri, ġuvni, iben il-mejtin Carmel u Anna nee' Casha, imwieled Birkirkara u li miet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fis-17 ta' Lulju 1997 hija regolata bit-

testment tiegħu li għamel f'Detroit, Michigan, l-Istati Uniti fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) (Dok B).

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara illi l-ereditá ta' l-imsemmi Crocifisso Spiteri tispetta lin-neputi tiegħu Daniel Galea u martu Giovanna sive Jane konjugi Galea.

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara għalhekk illi l-konvenuti ma għandhom ebda jedd fuq l-ereditá ta' l-imsemmi Crocifisso Spiteri u tħassar u tirrevoka għalhekk id-digriet 496/2007 tal-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fejn ġie dikjarat illi l-konvenuti għandhom sehem mill-wirt tiegħu.

Spejjeż ta' din il-kawża fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, spejjes jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**